# MINUTI

## Is-sitt Kunsill - SEDUTA Nru. 54

Il-Tlieta 25 ta' Ottubru 2011 fl-4.00pm

Il-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta ltaqa' fl-Uffiċċju tiegħu, 31 Triq Nofsinhar, fl-4.00 p.m.

Is-Sindku, Dr. Alexiei Dingli ippresieda.

**PREZENTI**

Kienu prezenti s-Sindku, l-Vici Sindku, w l-Kunsillieri, Vincent Farrugia, Valerie Borg, Raymond Azzopardi u Mario Camenzuli.

Peter Buontempo kien skużat – għaliex kien ma jiflaħx.

**TALBA**

Is-Sindku qal it-talba.

**MINUTI**

Il-minuti tas-Seduta Nru. 53 li saret nhar Il-Ħamis 15 ta' Settembru, 2011, kienu konfermati.

Is-seduta ġiet sospiża minħabba kelliema li giet tagħti presentazjoni lil kunsill regward l-Valletta Community Network. Wara li għamlet l-presentazjoni l-kunsillieri kellhom ħin għal xi mistoqsijiet.

**ĦWEJJEG LI JIRRIZULTAW MILL-MINUTI**

- Is-Sindku nforma li t-tnedijja online tal-Marketing Plan tal-Kunsill Lokali li ser issir nhar it-Tnejn 31 ta' Ottubru fid-9.00am

- Is-Sindku nforma li ser jingħata t-tarmac fi Triq San Pawl bejn Hospital Street u St. Christopher Street. It-Triq bejn St.Christopher ma Archbishop hemm il-possibilita li 70% hija lava. Il-Perit ser jara l-possibilita' li tigi *patched* bil-lava.

**KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU**

- Is-Sindku nforma lil Kunsill li l-kambjamenti ta' l-Arriva ser isiru mis- 6 ta' Novembru. Is-Sindku nforma lil Kunsill li ser ikun karozza tal-linja waħda li ser iddur d-dawra sal-Polyclinic.

- Is-Sindku nforma dwar l-attivitajiet li ser isiru għal-lejliet l-ewwel tas-sena. Nforma ukoll li din is-sena ser jkun hemm stage ġo Triq Merkanti, vicin l-Ministeru tat-Turiżmu.

- Is-Sindku nforma li t-tenders tal-Housing ġew mogħtija. Għalhekk ix-xogħol ser jibda biex sa l-aħħar tas-sena jitlesta.

- Is-Sindku nforma dwar l-attivita li ser issir fil-Belt – Ziguzajg. Dan huwa festival għat-tfal orġanizzat mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru. Dan ser isir bejn it-13/11/11 sal- 21/11/11

- Is-Sindku nforma li kellu laqgħa mal-Kumitat tal-Waterpolo dwar l-proposta tal-Hotel. Dawn qablu li din issir sabiex il-pitch jerga jitranga b'mod professjonali filwaqt li huma jzommu kontroll tal-pitch. Kien hemm qbil dwar dan.

- Is-Sindku nforma li l-Bid Book għal European Cultural Capital giet ppreżentata lil On. Mario DeMarco waqt press conference li kien mistieden għalija s-sindku.

- Is-sindku ghadda lil kunsill proposta ta' parkeggi godda fil-belt ghal conisderazjoni tal-kunsilliera.

**MISTOQSIJIET MILL-KUNSILLERI**

- L-Kunsillier Raymond Azzopardi staqsa dwar l-Proposal tal- Public Convenience. Sar qbil li għandu jingħata kopja tal-proposta peress li ma kienx preżenti fl-aħħar laqgħa.
- L-Kunsillier Raymond Azzopardi kkumenta li ma jogħgbuhx ic-City Cabs jduru fiċ-ċentru. Saħaq li huma perikolużi għan-nies li jkunu mixjin fiż-żona pedonali. Il-kunsill qabel dwar dan biss din hija kwistjoni ta' transport Malta u ghalhekk giet referuta lilhom.
- L-Bankina ta' Merchant street bejn St. Nicholas u St. Dominic hija perikoluża għalhekk għandna nieħdu ħsieba.

**KORRISPONDEZA**

- Rċevejna talba biex isir Christmas Village fil-Belt. Il-Kunsill qabel li ma jsirx peress li fi snin preċedenti kien hemm oppozizjoni kbira miċ-ċentru kummerċjali.

**TMIEM**

Fil-6.00pm intemmet is-Seduta.

Gabriella Agius
Segretarja Eżekuttiva

**Konfermati:**

Alexiei Dingli
Sindku